MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru. 46/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Francesco Mangiaracina ta' 38 sena, iben Giovanni u Maria xebba Longo, imwieled Palermo nhar is-6 ta' frar 1972 u residenti fil-fond Scala B, Numru 8, Triq Cristoforo Colombo, Castelvetrano Trapani, Italja, u detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AM4255259**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **FRANCESCO MANGIARACINA**, talli nhar it-8 ta' Mejju 2010 ghall-habta ta' l-ghaxar u nofs ta' fil-ghodu gewwa Marsalforn,

Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, seraq flus ghad-detriment ta' John Azzopardi liema serq huwa aggravat bil-valur liema valur ma jammontax ghal izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-fedina tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ghal dak li hu piena l-qorti ser tikkunsidra li rrizulta li:-

(a) L-imputat ma fixkilx lill-pulizija fl-investigazzjoni li ghamel u ffirma stqarrija fejn ammetta.
(b) Is-somma misruqa kienet ta' mija u hamsin ewro (€150).
(c) Il-flus inghataw lura lil John Azzopardi, sid tar-restaurant Pebbles f'Marsalforn minn fejn insterqu l-flus.
(d) Ghandu fedina penali netta.
(e) Hallas lil John Azzopardi l-ispejjez li ghamel fir-rigward ta' CD li pprezenta llum bhala prova ta' dak li gara fil-hanut Pebbles.

Fuq ammissjoni tal-imputat u wara li rat l-artikoli 267 u 279 tal-Kodici Kriminali issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perjodu ta' liberazzjoni that kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------